MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2714/2002

**Avviz Numru 2714/02 AJD**

**Grazzio, Carmel, Mario, John u Paul ahwa Magro**

**vs**

**Walter Arciola**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Novembru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u disgha u tletin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm739.36) rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mill-atturi lill-konvenut.
Bl-ispejjes. Inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 17 ta' Settembru 2002, u bl-imghax kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u ma prezentax risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Anthony Cutajar in rappreasentnza tal-attur li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u disgha u tletin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm739.36) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------